# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu,2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1017/99mm**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikurattrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Cassar u b'nota tat-2 ta' Marzu,2000 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' assikurattrici estera CGU plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Cassar assumiet l-atti tal-kawza bhala l-attur minflok is-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-**

**assikurat taghha Anthony Cassar**

**vs**

**Aaron Hayman**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ Lulju 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici assikurattrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-19 ta’ Mejju 1996, fil-Qrendi ByPass waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru U-2697 b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mall-vettura numru F-1471 proprjeta’ ta’ l-assikurat ta’ l-attur, Anthony Cassar, u kkaguna hsarat f’din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ erba’ mija u tmintax-il lira u tmintax-il centezmu (Lm418.18c) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk liwkidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 1998, (notifikata fit-12 ta' Mejju 1998) tal-konsult (Lm12) u ta' ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli l-istess assigurat tas-socjeta' attrici in vista tan-negligenza, traskuragni, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq it-Tempesta l-Qrendi fid-19 ta' Mejju 1996 bejn il-karozza U 2697 misjuqa mill-konvenut u l-vettura F-1471 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Anthony Cassar. Irrizulta illi z-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni izda dik misjuqa mill-konvenut riedet iddur lejn ix-xellug ghal gos-service road li hemm parrallela ma' Triq it-Tempesta, l-Qrendi.

Anthony Cassar l-assikurat ta' l-attur xehed illi huwa kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-konvenut. Kien qieghed warajh b'mod imtarrag u f'daqqa wahda l-konvenut gibed lejn il-lemin. Peress illi baqa' sejjer bl-istess velocita' Anthony Cassar baqa' jsuq fl-istess direzzjoni izda f'daqqa wahda l-konvenut gibed lejn ix-xellug biex jidhol fil-fetha li hemm fit-traffic island illi taghti access ghal service road illi hemm magemb Triq it-Tempesta, b'hekk Anthony Cassar inhasad, zamm il-brake u gibed ukoll lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-impatt izda kien ghalxejn. Il-hsarat fil-karozza ta' Cassar kienu fuq quddiem, il-mudguard tal-lemin, waqt il-hsarat fuq il-karozza tal-konvenut kienu l-mudguard u l-bieba tax-xellug. Cassar ighid illi fl-ebda hin ma ra xi sinjal jew indikazzjoni mill-karozza l-ohra illi dina kienet ser tbiddel id-direzzjoni taghha lejn ix-xellug.

Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid illi huwa kien qed isuq fl-istess direzzjoni u kien jaf illi warajh kien hemm il-karozza misjuqa minn Cassar. Dana nduna bih ghaliex rah mill-mera u kkalkola illi kien qieghed xi tletin pied lura. Qal ukoll illi kien qed isuq mas-centre strip u pero' daqsxejn maqlugh 'l barra. Meta gie vicin il-fetha li hemm fit-traffic island ghall-access ghas-service road il-konvenut ighid illi xeghel l-indicator biex jindika lil ta' warajh illi kien ser jidhol hemm u hekk kif beda jdur semgha hoss qawwi ta' brake u sar l-impatt. Bid-daqqa gie mitfuh fuq it-traffic island. Gie allegat mill-konvenut illi waqt li kien qieghed isir dan l-incident Cassar kien bil-mobile f'idejh u kien qed ikellem lil xi hadd ghax rah jaghmel hekk wara l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-fatt illi din l-ahhar cirkostanza giet innegata minn Cassar, l-Qorti jidhrilha illi ghandha hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenut illi ta lok ghal dan l-incident. Il-konvenut qal illi huwa nduna bil-karozza ta' Cassar warajh u xeghel l-indicator biex jurih li ser idur lejn ix-xellug. Evidentement il-konvenut ikkalkola hazin u Cassar kien vicin tieghu ferm aktar milli ssopona, terga li tixghal l-indicator biss mhuwiex bizzejjed peress illi sewwieq ghandu jassigura li dan il-messagg ikun wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq.

F'sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1995 il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Hugh P Zammit Noe vs Raymond Debono qalet illi meta sewwieq ikun sejjer jikser ghal go side street mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal izda jrid jara wkoll illi dawk illi qed jsuqu warajh ikun fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih (ara wkoll Anthony Busuttil vs Victor Grima Prim Awla 24 ta' April 1996).

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-versjoni moghtija minn Anthony Cassar hija aktar verosimili, u probabbli illi l-konvenut kien qed isuq fuq quddiem daqsxejn imtarrag lejn il-lemin u meta gie biex jidhol f'dik is-service road gibed aktar lejn il-lemin biex jimmeljora t-turning circle tieghu, b'hekk gie illi mblokka l-perkors tal-karozza illi kien hemm warajh misjuqa minn Cassar illi ma setghax jevita l-incident u baqa' diehel fil-karozza misjuqa mill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ghandu

jwiegeb unikament u esklussivament ghal dan l-incident u ghalhekk ghandu jkun responsabbli ghad-danni reklamati.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fid-19 ta' Mejju 1996 fi Qrendi ByPass fi Triq it-Tempesta meta kien qed isuq il-karozza U 2697 u habat mal-karozza misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Anthony Cassar bin-numru F-1471 liema ncident gara minhabba traskuragni u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba mija u tmintax-il lira maltin u tmintax-il centezmi (Lm418.18c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjez u interessi legali minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg